IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2024
COM(2024) 5 final

2024/0003 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE, stabbilit mill-Ftehim interim ta' sħubija ekonomija bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni tal-Protokoll tal-Ftehim rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE, stabbilit mill-Ftehim interim ta' sħubija ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni prevista tal-Protokoll tal-Ftehim rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim interim ta' sħubija ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim interim ta' sħubija ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim"), ġie ffirmat mill-Kamerun f'Yaoundé nhar il-15 ta' Jannar 2009 u mill-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem l-"UE") fi Brussell nhar it-22 ta' Jannar 2009[1], u l-Kamerun beda japplikah b'mod provviżorju mill-4 ta' Awwissu 2014. Ir-Repubblika tal-Kamerun hija l-unika pajjiż firmatarju tal-parti Afrika Ċentrali. Il-Ftehin hu miftuħ għall-pajjiżi l-oħra tar-reġjun tal-Afrika Ċentrali li jixtiequ jaderixxu miegħu.

Il-Ftehim għandu l-għan li a) permezz tiegħu l-parti Afrika Ċentrali tgawdi mill-aċċess għas-suq imtejjeb offrut mill-UE; b) jippromwovi l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tal-parti Afrika Ċentrali u jsaħħaħ l-integrazzjoni progressiva tagħha fl-ekonomija dinjija; c) jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-parti Afrika Ċentrali bbażata fuq l-interess komuni, il-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ fir-rigward tar-regoli applikabbli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u skont il-prinċipji tal-assimetrija, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi u l-limiti tal-kapaċità tal-parti Afrika Ċentrali rigward il-livell u l-kalendarju tal-impenji meħuda; d) jiffissa l-arranġamenti xierqa tas-soluzzjoni tat-tilwim u e) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet istituzzjonali xierqa.

2.2. Il-Kumitat tal-FSE

Il-Kumitat tal-FSE huwa korp maħluq f'konformità mal-Artikolu 92 tal-Ftehim. Hu magħmul mir-rappreżentati tal-UE u tal-parti Afrika Ċentrali (minn hawn 'il quddiem il-"partijiet"). Il-kopresident huwa rappreżentant minn kull parti. Il-Kumitat tal-FSE jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

Il-Kumitat tal-FSE huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-oqsma kollha koperti minn dan il-Ftehim u t-twettiq tal-kompiti kollha msemmija f'dan il-Ftehim.

Il-Kumitat tal-FSE jieħu ħsieb il-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż il-kooperazzoni għall-iżvilupp. Waqt it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-kumitat tal-FSE jista' a) jistabbilixxi u jimmonitorja l-kumitati jew il-korpi speċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim; b) jiltaqa' kull meta jkun meħtieġ mill-partijiet; c) jeżamina l-kwistjonijiet kollha rilevanti tal-Ftehim u jieħu l-inizjattivi xierqa fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu; d) jieħu d-deċiżjonijiet jew jagħti r-rakkomandazzjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim; u e) jadotta l-emendi li jsiru lill-Ftehim.

[1] Id-Deċiżjoni 2009/152/KE tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 57, 28.2.2009, p. 1).

2.3. L-att previst mill-Kumitat tal-FSE

Waqt il-laqgħa li jmiss li se ssir fl-2024 jew permezz ta' proċedura bil-miktub, il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjoni dwar l-adozzjoni tal-Protokoll tal-Ftehim rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, kif maqbul miż-żewġ partiti f'Lulju 2023 (minn issa 'l quddiem l-"att previst").

L-att previst għandu l-għan li jistabbilixxi arranġament komuni u reċiproku li jirregola r-regoli tal-oriġini.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ mingħajr arranġament komuni u reċiproku li jirregola r-regoli tal-oriġini. Skont l-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, il-partijiet għandhom jistabbilixxu "arranġament uniformi komuni li jirregola r-regoli tal-oriġini [li] se jkun mehmuż ma' dan il-Ftehim mill-Kumitat tal-FSE". Dan l-arranġament il-ġdid se jkun mehmuż mal-Ftehim mill-kumitat tal-FSE.

Fin-nuqqas ta' dan l-arranġament, id-dispożizzjonijiet relatati mar-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1076[2] tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti Stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, ftehimiet ta' sħubija ekonomika (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament dwar l-aċċess għas-suq") huma applikabbli għall-esportazzjonijiet ġejjin mill-Kamerun lejn l-UE. Fir-rigward tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Kamerun, huma applikabbli r-regoli tal-oriġini definiti fid-Digriet Nru 2016/367 tat-3 ta' Awwissu 2016 adottat mill-Kamerun.

Il-Protokoll se jissostitwixxi r-regoli tal-oriġini applikabbli, kif indikat fil-paragrafu preċedenti, permezz ta' arranġament aktar favorevoli u reċiproku. F'konformità mal-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 108 tal-Ftehim, il-Protokoll se jkun mehmuż mal-Ftehim u se jkun parti integrali minnu.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

F'Ġunju 2022, waqt is-sitt laqgħa tal-Kumitat tal-FSE, il-partijiet ikkonkludew in-negozjati tal-Protokoll rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, u f'Lulju 2023, waqt is-seba' laqgħa tal-Kumitat tal-FSE, ikkonfermaw it-test finali tal-Protokoll. Il-Protokoll maqbul jinkludi l-aħħar żviluppi fir-rigward tar-regoli tal-oriġini, inkluż dawk maqbula fil-Protokolli konklużi l-aktar reċenti dwar ir-regoli tal-oriġini fil-qafas tal-FSE mal-grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP). Ir-regoli tal-oriġini li ġew applikati minn meta daħal fis-seħħ il-Ftehim ma jirriflettux l-iktar żviluppi riċenti fir-rigward tar-regoli tal-oriġini, u dan iwassal għal ostakli fit-tgawdija tat-trattament preferenzjali u reċiproku previst fil-Ftehim. L-arranġament il-ġdid, aktar favorevoli u reċiproku se jwassal għal simplifikazzjoni u jipprevedi ċerta flessibbiltà għall-konformità mar-rekwiżiti u l-proċeduri relatati mar-regoli tal-oriġini. Din is-simplifikazzjoni se tiffaċilità l-iskambji u tottimizza l-użu tat-trattament preferenzjali għall-operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk, ir-regoli tal-oriġini l-ġodda li jinsabu fil-Protokoll jinkoraġġixxu l-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp ekonomiku fl-Istati tal-Afrika Ċentrali billi jiffaċilitaw il-konformità mar-regoli tal-oriġini min-naħa tal-operaturi.

[2] Ir-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti Stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, ftehimiet ta' sħubija ekonomika (ĠU L 185, 8.7.2016, p. 1).

Huwa meħtieġ li jiġi adottat il-Protokoll tal-Ftehim, li fl-Anness II jinkludi l-intestaturi u d-deskrizzjonijiet tal-oġġetti, allinjati man-Nomenklaturi tas-SA u konsistenti mal-klassifikazzjoni fis-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO).

Permezz tad-deċiżjoni proposta, l-UE se tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE peress li dik id-deċiżjoni se tkun vinkolanti fl-Unjoni.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi d-deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f' isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*".

Il-kunċett "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[3].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat tal-FSE huwa korp stabbilit permezz ta' Ftehim, jiġifieri l-Ftehim interim ta' sħubija ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra.

L-att li l-Kumitat tal-FSE qed jintalab jadotta huwa att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv u l-kontenut tal-att previst huma relatati prinċipalment mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(3) u 207(4), l-ewwel paragrafu, tat-TFUE.

---

[3] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207(3) u 207(4), l-ewwel paragrafu, tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-Kumitat tal-FSE se jadotta Protokoll rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-Ftehim interim ta' sħubija ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, jixraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ladarba jiġi adottat.

2024/0003 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE, stabbilit mill-Ftehim interim ta' sħubija ekonomija bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni tal-Protokoll tal-Ftehim rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u 207(4), il-paragrafu 1, tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim interim ta' sħubija ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra,(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim"), ġie konkluż mill-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/152/KE[4], u l-Kamerun beda japplikah b'mod provviżorju mill-4 ta' Awwissu 2014.

(2) F'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE jista' jadotta arranġament komuni reċiproku li jirregola r-regoli tal-oriġini.

(3) F'konformità mal-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 108 tal-Ftehim, l-arranġament komuni reċiproku li jirregola r-regoli tal-oriġini se jiġi mehmuż mal-Ftehim fl-għamla ta' Protokoll rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, u se jkun parti integrali minnu.

(4) Waqt il-laqgħa annwali tiegħu fl-2024 jew permezz ta' proċedura bil-miktub, il-Kumitat tal-FSE jenħtieġ li jadotta deċiżjoni dwar l-adozzjoni tal-Protokoll tal-Ftehim rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

(5) Il-Protokoll maqbul iqis l-aktar żviluppi riċenti sabiex jipprevedi regoli tal-oriġini aktar flessibbli u simplifikati, bil-ħsieb li jiffaċilita l-kummerċ għall-operaturi ekonomiċi u jottimizza l-użu mit-trattament preferenzjali previst fil-Ftehim.

(6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE peress li dik id-deċiżjoni se tkun vinkolanti fl-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt il-laqgħa annwali li jmiss tal-kumitat tal-FSE, stabbilit mill-Ftehim interim ta' sħubija ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-

[4] ĠU L 57, 28.2.2009, p. 1.

Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE dwar Protokoll tal-Ftehim rigward id-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President